

Brussell, 7 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11391/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0407 (COD)**

**TRANS 479
CH 27
CODEC 1373**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li l-Awstrija tingħata s-setgħa li temenda l-ftehim bilaterali eżistenti tagħha dwar it-trasport bit-triq mal-lżvizzera bil-għan li tawtorizza l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ waqt l-għoti ta' servizzi tat-trasport internazzjonali bit-triq tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank fir-reġjuni ta' mal-fruntiera bejn iż-żewġ pajjiżi (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-18 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikoli 2(1) u 91 TFUE, lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Jannar 2026².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Fis-7 ta' Lulju 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni³. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil milħuq bejn l-istituzzjonijiet dwar l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni b'xi aġġustamenti u, għalhekk, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

¹ 17048/25.

² ĠU C, C/2026/1970, 28.4.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/1970/oj>.

³ 11459/26.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 37/26, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
